Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2007

Numru 229/2006

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
Edward Vella, iben Gerald, imwieled Pieta' fit-3 ta' marzu, 1961

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-21 ta' diċembru, 2005 għal ħabta tas-7.00 p.m. ġewwa Triq Mrabat, Sliema kkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Valerio Vella Catalano, kif ċertifikat minn Dr. Mario Scerri M.D.;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' mejju, 2007 fejn il-parte ċivile nfurmat lill-Qorti li l-imputat ħallas id-danni kollha u għalhekk qed taħfirlu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' mejju, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 216 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-maħfra tal-'parte civile'. Għalhekk ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------